# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 433/2022 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**KG**

**Vs**

**LZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KG datat 11 t' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) t'Awwissu tas-seba elfejn u hdax (2011), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A', u minn dan iz-zwieg huma kellhom it-tewmin MZ u AZ li twieldu f'X;*

*Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Michela Marie Mifsud mit-tlieta u ghoxin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B'. nonostante, il-partijiet ilhom separati de facto sa minn Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u cioe meta LZ telaq mid-dar matrimojali.*

*Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar circa erba' snin mifrudin, illum huma gandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qieghed jigi osservat fl-intier tieghu;*

*Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-affidavit tar-rikorrenti in sostenn tas-suespost jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C'*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LZ datata 11 ta' Novembru 2022, li permezz taghha huwa sostna illi ma kellu ebda opposizzjoni ghat-talbiet attrici izda ddikjara li ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Awwissu 2011 u li minn dan iz-zwieg twieldu tewmin, li ghadhom minorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma

rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 23 ta' Settembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Michela Marie Mifsud. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 25) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Awwissu 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 1726/2011 (Vide fol 4 certifikat taz-zwieg, Dok A). Minn dan iz-zwieg twieldu tewmin.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Michela M. Mifsud nhar it-23 ta' Settembru 2019 (vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1726/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**